# <u>TRIBUNAL INDUSTRIJALI</u>

**<u>Decizjoni Numru 2427</u>**

Kaz Nru: 3155/ ET

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Michelle Spagnol

u

Future Fashion Ltd

*dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta*.

<u>CHAIRMAN: Is-Sur Edmund Tabone M.A., B.A. (Hons), Dip. Mgt</u>

**<u>INTRODUZZJONI</u>**

Dan il-kaz gie ntavolat permezz ta' rikors mill-Avukat Gavin Gulia fit-13 ta' Settembru, 2013 f'isem ir-rikorrenti Michelle Spagnol. Illi r-rikorrenti spiccat mix-xoghol fuq bazi ta' *redundancy* izda fil-fatt din ma kinitx *redundancy* izda tkeccija intiza sabiex il-kumpanija tnaqqas il-haddiema u ghaldaqstant it-tkeccija kienet wahda ingusta. In-vista ta' dan, ir-rikorrenti talbet lil dan it-tribunal biex jiddikjara tkeccija ingusta.

Illi r-rikorrenti kienet tahdem bhala *salesgirl* fil-hanut Women's Secret go Birkirkara operat mis-socjeta' intimata u kienet ilha tahdem ghal bosta snin fuq kuntratt indefinit.

Gara li s-socjeta' intimata ghalqet il-hanut ta' Women's Secret go Birkirkara u ttrasferiet lir-rikorrenti fil-hanut ta' Springfield go Tas-Sliema taht l-istess kundizzjonijiet ta' xoghol. Gara li s-socjeta' intimata regghet fethet il-hanut Women's Secret go Tas-Sliema u regghet ittrasferiet lir-rikorrenti f'dan il-hanut. Ir-rikorrenti nqabdet tqila u ftit wara l-*management* infurmaha li ma kellhomx bzonn aktar is-servizzi taghha peress li huma ser icekknu l-operat tal-kumpanija. Fil-fatt ir-rikorrenti kellha l-impjieg taghha tterminat fit-18 ta' Mejju, 2013.

Ftit wara r-rikorrenti saret taf li s-socjeta' intimata kienet ghamlet sejha ghal impjieg fil-hanut l-iehor ta' Springfield go Tas-Sliema u allura jidher car, skont ir-rikorrenti, li t-terminazzjoni taghha ma kinitx fuq bazi ta' *redundancy* izda kienet 'constructive dismissal'.

Da parti taghha s-socjeta' intimata ddikjarat li t-terminazzjoni tar-rikorrenti saret ghal *redundancy* genwina skont il-ligi. Illi l-hanut Women's Secret fejn kienet tahdem ir-rikorrenti bhala *Sales Assistant* gie maghluq mis-socjeta' intimata f'Mejju 2013 minhabba telf qawwi li kien ilu jsofri ghal diversi xhur. Illi s-socjeta' intimata, b'telf kbir ghaliha, ma kellha ebda alternattiva ghajr li taghlaq dan il-hanut u tittermina l-impjieg tal-persuni li kienu jahdmu hemmhekk.

Illi ghalqdaqstant dan it-Tribunal ghandu jiddikjara li t-terminazzjoni saret minhabba *redundancy* li hi genwina u ghalhekk kien hemm raguni gusta u sufficjenti ghat-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrenti u li kull talba mir-rikorrenti tigi michuda.

**<u>Fatti</u>**

Il-fatti konkreti jirrigwardjaw dokumenti tal-ETC li juru li r-rikorrenti giet impjegata ma' Future Fashion Ltd bhala *full-time salesgirl* fid-29 ta' Marzu 2010 u giet terminata fil-31 ta' Mejju 2013 b'raguni ta' *redundancy*.

Fatti ohra jirrigwardjaw dokumenti li juru l-pozizzjoni finanzjarja hazina ta' Women's Secret f'Bizazza Street. Dok NM2, juri ittra li baghat is-Sur Magri lil Cassar & Cooper, is-sidien, fejn b'mod car jghid li l-kera ma tistax tigi sostnuta u li l-hanut qed jigi mmexxi b'telf kbir. Dok NM1 juri risposta ta' Cassar & Cooper li fiha jghidu li se jippruvaw johorgu lil Magri mill-kirja. Dokumenti A1 u A juru affidavit tas-Sur Neville Grech, accountant u direttur, ma' 3A Malta Limited, li jghid li gie mitlub ihejji rapport rigward in-nuqqas ta' vijabilita' finanzjarja ta' Women's Secret. Ir-rapport gie anness (Dok A) u juri l-pozizzjoni tal-hanut fejn jindika telf sostanzjali. Dan l-affidavit gie mahluf mis-Sur Grech quddiem in-nutar Graziella Agius Farrugia fil-21 ta' Mejju 2015.

**<u>Provi</u>**

F'dawn il-proceduri xehdu r-rikorrenti u Noel Magri – sid Future Fashion Ltd. Gew esebiti wkoll dokumenti relatati mal-kaz.

**<u>Kunsiderazzjonijiet u decizjoni</u>**

Dan it-tribunal ghandu biex jikkunsidra u jiddeciedi jekk it-terminazzjoni fuq bazi ta' *redundancy* kinitx gusta u skont il-ligi u ghaldaqstant ghal raguni gusta u sufficjenti.

Ir-rikorrenti bbazat it-tkeccija ingusta fuq li s-socjeta' intimata setghet trasferixxiet lir-rikorrenti lura fi Springfield ghax ukoll dehru xi reklami li kellhom bzonn in-nies wara t-tkeccija tar-rikorrenti u li gew impjegati xi nies kif ukoll ghaliex ir-rikorrenti harget tqila u li ghaldaqstant kien hemm 'constructive dismissal'. Ir-rikorrenti izda ma cahditx li l-hanut Women's Secret kien sejjer hazin u li impjegata ohra li kienet tahdem mar-rikorrenti wkoll tilfet l-impjieg.

Min-naha taghha, s-socjeta' intimate,  pprezentat provi li l-hanut Women's Secret kien sejjer hazin u li ma kienx hemm alternattiva hlief li jinghalaq u li mar-rikorrenti impjegata ohra tilfet l-impjieg. Is-socjeta' intimata ddikjarat ukoll li r-rikorrenti kienet specjalizzata fix-xoghol tal-*lingerie* u ghalhekk kienet giet impjegata f'Women's Secret. Dwar il-fatt tat-tqala,  s-socjeta' intimata qalet li ma kellu x'jaqsam xejn ghax il-hanut inghalaq u l-impjegata l-ohra wkoll tilfet l-impjieg. Fuq Springfield is-socjeta' intimata cahdet li gew impjegati xi nies wara t-terminazzjoni tar-rikorrenti.

It-Tribunal jinnota provi sufficjenti li l-hanut Women's Secret kien sejjer hazin u li ghaldaqstant is-socjeta' intimata ma kellhiex triq ohra hlief li taghlqu u ttemm l-impjieg tar-rikorrenti u l-impjegata l-ohra.

It-Tribunal izda ma jinnota l-ebda provi ta' xi forma ta' 'constructive dismissal' rigward it-tqala tar-rikorrenti jew fuq impjiegi godda mal-hanut Springfield.

Ghaldaqstant it-Tribunal mehuda inkonsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, partikolarment il-provi migjuba, qed jaghti ragun lis-socjeta' intimata li kienet korretta li tittermina l-impjieg tar-rikorrenti ghal kawza gusta u sufficjenti.

Ghall-finijiet tal-avviz legali 48 tal-1986, jistabbilixxi drittijiet ta' min assista lill-partijiet fl-ammont ta' €93.17.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

**Illum :  28 ta' Jannar, 2016**

**Iffirmat : Edmund Tabone M.A., B.A. (Hons), Dip.Mgt**
**CHAIRMAN**

**Vera kopja**

**Mary Rose Galea**
**A/Segretarja**